MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Numru 750/2011

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Elton Taliana)
**vs**
**GLENN BORG**
**SHAWN AGIUS**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Glenn Borg** ta' erbgha u tletin (34) sena, mwieled San Giljan nhar il-31 ta' Mejju 1975, iben Francis u Mary nee' Spiteri residenti Blk 15, Flt 7, Triq is-Sardinell, Sta. Lucija, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: 281675(M)

U

**Shawn Agius**, ta' sitta u tletin (36) sena, imwieled Pieta', nhar l-24 ta' Frar 1973, iben Philip u Mary nee' Magro, residenti 6, Alley 15, St. John Str., Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 123673(M),

Akkuzati talli nhar it-30 ta’ Novembru 2010 ghal-habta tal-erbgha u nofs ta’ wara nofsinhar (16.30hrs) minn gewwa r-residenza ‘La Fenice’, Triq il-Madliena, Swieqi:-

1. Bil-hsieb li jikkomettu d-delitt ta’ serq aggravat bil-‘lok’, ‘bil-mezz’ u bil-valur’ li jkun izjed minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta’ taghhom, u dan ghad-dannu ta’ Maria Diana Sant Fournier u persuni ohra;

2. Talli dahlu f’dar jew lok iehor jew f’recint b’wiehed mill-mezzi msemmijin fl-Artikoli 264, 265 u 266, ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta’ att li jikkostitwixxi attentat ta’ reat iehor, l-akkuzat ghall-fatt biss tad-dhul imsemmi meta mic-cirkostanzi jkun jidher li l-hsieb tal-hati kien li jaghmel serq;

Lil Shawn Agius wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:-

3. Wara li kien ikkundannat f’Malta ghal-serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta’ ghodod ohra tajbin ghal-ftuh jew sgassar ta’ serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghalliema skop legittimu jinsabu ghandu dak iz-zmien;

4. Aktar talli kkommetta reat waqt li kienu taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani nhar it-12 ta’ Gunju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

5. Kiser il-*probation* taht l-Artikolu 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati f’Malta fit-13 ta’ Jannar 2010.

L-imputati Glenn Borg u Shawn Agius gew akkuzati wkoll li saru recedivi ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-

Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huma kienu gew misjuba hatja u ikkundannati ghall-reat, b'sentenza ta' reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha,

Semghet lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fir-rigward tal-imputat Glenn Borg, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-istess imputat u kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija.

Illi fir-rigward tal-imputat l-iehor Shawn Agius, il-Qorti, filwaqt li, fuq naha wahda ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri u l-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija, fuq in-naha l-ohra ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati u l-fedina penali tal-istess imputat imsemmi. Jirrizulta li l-imputat Shawn Agius ikkometta reat waqt li kien taht sentenza sospiza u li kiser ukoll ordni ta' *probation*. Il-Qorti tinnota li kemm is-sentenza sospiza u kif ukoll l-ordni ta' *probation* inghataw a rigward reati relatati ma' serq. Ta' min jinnota wkoll li l-imputat Shawn Agius kien diga nstab hati ta' serq fis-sena 2002. Ma jirrizultax li l-imputat Shawn Agius ha d-diversi cansijiet li tatu l-Qorti diversament preseduta sabiex jirriforma ruhu,

anzi jirrizulta li ma tghallem assolutament xejn. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat Shawn Agius ghandu issa jiskonta piena karcerarja ghal zmien sufficjenti biex jitghallem li huwa wkoll irid jassumi r-responsabbilta ta' ghemilu u jgharaf li hu ghandu jaghmel il-parti tieghu biex jirriabilita lilu nnifsu. Fl-istess hin il-Qorti tirikkonoxxi li l-imputat Shawn Agius ghandu bzonn ta' ghajnuna biex jirriabilita ruhu. La darba l-Qorti tista' titratta ma' l-imputat Shawn Agius b'mod differenti ghad-diversi imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, hija ser taghmel proprju hekk u flimkien ma' piena karcerarja ser timponi perjodi ohra ta' *probation* bl-ghan li meta jiskonta l-perjodu ta' prigunerija huwa jibqa taht ordni ta' *probation*.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad fuq, m'hemmx dubju li l-piena li ser taghti din il-Qorti liz-zewg imputati ser tkun wahda differenti.

Ghaldaqstant il-Qorti, fir-rigward tal-imputat **Glenn Borg**, wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b), 261(c), 261(e), 263, 267, 269, 330, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imsemmi imputat Glenn Borg hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Glenn Borg taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

Fir-rigward tal-imputat l-iehor **Shawn Agius**, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b), 261(c), 261(e), 263, 267, 269, 330, 287, 28A, 28B, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imsemmi imputat Shawn Agius hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, ghar-ragunijiet fuq premessi, tiddeciedi rigward il-piena fil-konfront tieghu bis-segwenti mod:

fir-rigward tal-imputazzjonijiet bin-numru wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3), il-Qorti hija tal-fehma li ghal dawn l-imputazzjonijiet jissussistu l-elementi elenkati fl-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’hekk a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Shawn Agius taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mil-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

Fir-rigward tal-imputazzjoni bin-numru hamsa (5), il-Qorti taghzel li ma tittrattax ma’ l-imputat Shawn Agius ghar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta’ *probation* fit-13 ta’ Jannar 2010, izda l-Qorti qieghda testendi l-ordni ta’ *probation* tat-13 ta’ Jannar 2010 ghal perjodu massimu tat-tlett snin bl-istess kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti fit-13 ta’ Jannar 2010.

Finalment, fir-rigward tar-raba’ (4) imputazzjoni, il-Qorti tordna, *ai termini* ta’ l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li l-piena ta’ prigunerija ta’ hmistax (15) il-xahar sospizi ghal tlitt (3) snin moghtija permezz ta’ sentenza fit-12 ta’ Gunju 2008, tigi reza operattiva, u b’hekk il-hati Shawn Agius ghandu jibda jiskonta l-perjodu ta’ hmistax (15) il-xahar prigunerija.

Fir-rigward taz-zewg imputati Glenn Borg u Shawn Agius, *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret liz-zewg imputati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordnijiet ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma’ dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordnijiet ta’ *probation,* jistghu jinghataw sentenza ghar-reati li taghhom nstabu hatja b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordnijiet ta’ *probation* moghtija b’Digrieti ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi

ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Glenn Borg u tal-imputat Shawn Agius.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------